# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 7**

**Rikors numru 2522/97 AF**

**Hotel Services Ltd (C2594)**

**v.**

**Mark u Lucienne konjugi Curmi f'isimhom personali u ezercenti l-kummerc f'isem M&M Caterers u SKC Caterers**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni mressqa fil-5 ta' Novembru, 1997, mis-socjeta` attrici Hotel Services Limited li permezz taghha intalab:

> "Peress illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' kera {Dok. A.} datat 1 ta' April 1996 fejn is-socjeta` attrici kriet lil konvenuti et noe, l-istabiliment 'Tenesse Southern Fried Chicken' li tifforma parti mill-Lukanda St. Julien, u dan ghas-somma ta' sittin lira {Lm60} kull jum;

“Peress illi l-konvenuti fil-24 ta’ Dicembru 1996 hadu ukoll taht it-tmexxija taghhom il-bar tal-lukanda maghruf bhala ‘The Reef Bar’ ghal prezz ta’ hamsin Lira Maltin {Lm50} u xtraw ukoll l-istock ezistenti;

“Peress illi fl-4 ta’ Awwissu 1997 il-konvenuti cedew l-istess bar lura lis-socjeta` attrici, u wara li sar l-istock take tax-xorb li kien hemm fil-bar, li l-valur tieghu tnaqqas mill-bilanc dovut, irrizulta li l-konvenuti kien ghad fadlilhom bilanc pendent xi jhallsu lis-socjeta` attrici;

“Peress illi l-konvenuti et noe kienu obbligati li jhallsu l-kera bil-quddiem;

“Peress illi l-konvenuti et noe naqsu milli jhallsu l-kera anki fuq l-istabiliment ‘Tenessee Southern Fried Chicken’, anki wara intimazzjoni legali datata 30 ta’ Settembru 1997 {dok C};

“Peress illi b’dan l-agir huma kissru l-kondizzjoni numru tlieta (3) tal-istess ftehim, datat l-1 ta’ April 1996, u abbazi ta’ dan il-ksur, kif jinghad car fl-artikolu numru 25, s-socjeta` attrici setghet tittermina dan il-ftehim;

“Peress illi abbazi tal-istess artikolu s-socjeta` attrici tterminat il-ftehim ta’ kera tal-istabbiliment ‘Tenessee Southern Fried Chicken’ u tat avviz ta’ dan bil-miktub lil konvenuti, permezz ta’ ittra ufficcjali li ggib d-data 8 ta’ Ottubru 1997 {dok D};

“Peress illi l-ammont ta’ kera u pendenzi ohra dovuti kemm fuq l-istabiliment ‘Tenesse Southern Fried Chicken’ kif ukoll fuq ‘The Reef Bar’ jammontaw komplessivament ghal-Hdax il-elf tlett mija u disa u hamsin lira Maltin u seba u sittin centezmu {Lm11359.67} kif jirrizulta mill-anness prospett {dok B}.

“Jghid ghaliex il-konvenuti et. noe ghar-ragunijiet fuq premessi m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti et. Noe kissru wahda jew aktar kondizzjonijiet tal-ftehim datat 1 ta’ April 1996,

“2. Per konsegwenza tiddikjara l-kirja xolta.

“3. Tordna l-konvenut jizgombra mill-fond, de quo fi zmien qasir u perentorju, li tiffissa l-istess Qorti.

“4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu somma ta’ hdax-il elf tlett mija u disa’ u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm11359.67) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata kull Qorti bhala kera dovuta.

“5. Tiddikjara lis-socjeta` attrici sofriet danni bl-agir tal-istess konvenuti meta rrifjuta jaderixxu ruhhom mal-klawsoli tal-istess kuntratt u baqghu jiddetjenu l-fond abbuzivament.

"6. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez u bl-interessi legali, inkluz dawk ta' zewgt ittri ufficjali datati 30 ta' Settembru 1997 u 8 ta' Ottubru u ta' mandat ta' qbid u mandate ta' sekwestru, pprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti fl-1 ta' Dicembru, 1997, li tghid hekk:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi s-somma ta' kera kif mitluba mis-socjeta` attrici mhix dovuta ghaliex hemm kalkoli zbaljati, pagamenti mhux riflessi, danni subiti u spejjez zborzati;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mis-somma ta' kera allegata mis-socjeta` attrici jridu jsiru deduzzjonijiet ohra, inkluzi dawk tad-danni kkagunati lill-eccipjenti bl-agir abbusiv u intempestiv tas-socjeta` attrici konsistenti fil-qtugh fil-provvista ta' l-elettriku kif ukoll fl-gheluq ta' l-istabbiliment in kwistjoni, liema agir irreka danni ingenti lill-eccipjenti, fosthom telf ta' negozju u ammont sostanzjali ta' *stocks* li l-eccipjenti kellhom fil-*freezers* taghhom u li gerw rezi inuzabbli; illi l-eccipjenti qeghdin kontestwalment jagixxu kontra s-socjeta` attrici permezz ta' kontrotalba ghal dawn id-danni;

"3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, mis-somma ta' kera allegata mis-socjeta` attrici jridu jsiru wkoll deduzzjonijiet ghall-kontijiet tad-dawl fuq l-istabbiliment in kwistjoni li taghhom l-eccipjenti gew imqarrqa jhallsu aktar milli fil-fatt kien dovut, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni;

"Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat il-kontro-talba mressqa mill-istess Mark u Lucienne konjugi Curmi, f'isimhom personali u f'isem M & M Caterers u SKC Caterers, li permezz taghha r-rikonvenzjonanti talbu:

"1. Premess illi l-partijiet dahlu f'kuntratt ta' kera fl-1 ta' April 1996, kopja ezebita mac-Citazzjoni tas-socjeta` attrici rikonvenuta, fejn l-istess socjeta` rikonvenuta tat b'titolu ta' kera lill-esponenti l-

istabbiliment "Tennesse Southern Fried Chicken" versu l-prezz u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess kuntratt.

"2. Premess illi s-socjeta` rikonvenuta giet inadempjenti ma' l-obbligi kontrattwali taghha assunti fil-kuntratt ta' kera, u dan billi ghalqet unilateralment u bi vjolenza u klandestinita` l-istabbiliment ta' l-esponenti, tant li l-esponenti qed jipprocedu separatament b'azzjoni ta' spoll, kif ukoll billi l-istess socjeta` rikonvenuta qeghda tipprova tittermina l-istess kuntratt, u billi avvanzat pretensjonijiet ghal kollox ingustifikati u minghajr bazi fil-ligi, bil-konsegwenza illi l-esponenti sabu rwiehhom fl-impossibilita` li jiggestixxu n-negozju u li juzufruwixxu mill-investiment li kienu ghamlu; illi l-konsegwenzi ta' dawn huma kemm danni diretti sofferti mill-esponenti konsistenti f'telf ta' flus investiti u telf ta' qliegh ta' *mancato guadagno*;

"3. Premess illi s-socjeta` rikonvenuta agiet abusivament u intempestivament fil-konfront tal-konvenuti billi ordnat il-qtugh fil-provvista ta' l-elettriku kif ukoll ghalqet l-istabbiliment tal-konvenuti, liema agir irreka danni ingenti lill-konvenuti, fosthom telf ta' negozju u ammont sostanzjali ta' *stocks* li l-konvenuti kellhom fil-*freezers* taghhom u li gew rezi inuzabbli;

"TGHID GHALHEKK IS-SOCJETA` RIKONVENUTA GHALIEX M'GHANDHIEX DIN IL-QORTI:

"1. Tiddeciedi u tiddikjara lis-socjeta` rikonvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti bl-agir suespost;

"2. Tillikwida dawn id-danni;

"3. Tikkundanna lis-socjeta` rikonvenut thallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati;

"Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi.

"Is-socjeta` rikonvenuta ingunta ghas-subizzjoni."

Rat illi ghalkemm il-kontro-talba tal-konvenuti qatt ma giet notifikata lill-kontro-parti, u ghalhekk qatt ma tressqet nota tal-eccezzjonijiet ghall-istess kontro-talba, permezz tal-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju, 2004, id-difensur tal-attrici ghall-patrocinata tieghu ta ruhu b'notifikat bil-kontro-talba tal-konvenuti u ghal kull buon fini iddikjara li din ghandha

tigi michuda billi infondata, irrinunzja ghal kull terminu, irrimetta ruhu ghall-atti u iddikjara li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza.

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Jannar, 2005, li in forza taghha, dik il-Qorti, iddikjarat li fid-data tat-terminazzjoni unilaterali da parti tas-socjeta` attrici tal-lokazzjoni tal-fond maghruf bhala *Tenessee Southern Fried Chicken*, ma kien hemm ebda inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti, billi ma kien hemm ebda ammont dovut in konnessjoni ma' din il-lokazzjoni fid-data tal-interpellazzjoni, konsegwentement cahdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici;  laqghet ir-raba' talba  attrici limitatament ghas-somma ta' Lm8,359.67 u iddikjarat dan l-ammont bhala dovut ghall-kera u valur bilancjali ta' stock u spejjez ohra konnessi mal-gestjoni da parti tal-konvenuti ta' *The Reef Bar*, b'mod li l-kreditu tas-socjeta` attrici rapprezentat fil-kambjala tal-4 ta' April, 1997 huwa inkorporat fl-imsemmi ammont; cahdet il-hames u s-sitt talbiet attrici;  bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali u halliet il-kawza *sine die* riappuntabbli quddiem l-istess Qorti, diversament preseduta ghall-kontinwazzjoni u ghall-provi dwar il-kontro-talba tal-konvenuti u ghad-decizjoni dwar l-istess.

Dik il-Qorti tat is-sentenza preliminari taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*Fl-1 ta' April, 1996 kienet giet iffirmata skrittura privata ta' lokazzjoni ta' fond gewwa Paceville maghruf bhala Tenessee Southern Fried Chicken formanti parti mil-Lukanda St. Julien. Il-partijiet involuti kienu s-socjeta` attrici, qua sid, tal-imsemmija lukanda mill-parti l-wahda u mill-banda l-ohra l-konvenut Anthony Curmi u Mario Camilleri. Fid-19 ta' Awissu tal-istess sena Mario Camilleri iddecida li ma jibqax involut u ghalhekk bi skrittura tal-istess data filwaqt li dan Camilleri gie rilaxxat mill-obbligi assunti fl-iskrittura tal-1 ta' April, 1996, il-konvenut, f'ismu personali, assuma l-obbligi u drittijiet naxxenti mill-istess skrittura. Sussegwentement u cioe` ghal habta ta' Dicembru ta' l-istess sena l-konvenut ha ukoll, permezz ta'operating agreement minghand is-socjeta` attrici, it-tmexxija tal-bar bl-isem The Reef Bar ezistenti fl-imsemmija lukanda. Ghal dan l-operating agreement qatt ma giet iffirmata skrittura privata billi, kif ighid l-konvenut, dik li giet prezentata lilu ghall-firma kienet sostanzjalment differenti minn dak li kien gie miftiehem bejnu u Mark Gatt. B'dana kollu sar "stock take" ta' dak kollu li kien hemm fil-bar u l-konvenut beda jopera l-bar versu korrispettiv ta' LM50 kuljum. Sussegwentement u cioe` fl'4 ta' April, 1997, il-konvenut iffirma kambjala ghall-ammont ta' LM3456 rapprezentanti valur ta' li "stock" imsemmi u dan l-ammont tnizzel mad-debiti li l-konvenut kellu mas-socjeta` attrici.*

"*Sa April tal-1997 ma kienx hemm problemi bejn il-kontendenti billi l-konvenut kien qed ihallas l-ammonti dovuti minnu kemm ghall-bar kif ukoll ghall-fond maghruf bhala Tennessee Southern Fried Chicken. Infatti li statement ezebit mis-socjeta` attrici a fol. 10 tal-process, u ezebit diversi drabi sussegwentement, juri li sa l-ahhar ta' dak ix-xahar, hlief ghall-valur tal-kambjala imsemmija, il-konvenut kien skonta d-debiti kollha mas-socjeta` attrici. Wara dan il-perjodu, skond is-socjeta` attrici, il-konvenut beda jaqa' lura fil-pagamenti, u kien ghalhekk gie deciz li huwa jirrilaxxa l-bar filwaqt li jzomm l-gestjoni tal-restaurant. Kien ghalhekk li, f'Awissu 1997, bi ftehim mal-konvenut sar "stock take" iehor tal-mercja rimanenti fil-bar u l-konvenut gie kreditat, kif jidher fl-istatement tas-socjeta` attrici (fol. 10), bl-ammont ta' LM1541.73.*

"*Il-konvenut baqa' jiggestixxi r-restaurant izda, stante li, skond is-socjeta` attrici, f'Awissu 1997, kien waqa' lura fil-pagamenti f'ammont eccessiv – oltre l-LM10,000 – gie mitlub minn Philip Gatt biex jaghmel pagament sostanzjali f'ammont ta' LM5,000 akkont tad-debitu. Dan ic-cheque nhareg izda meta gie prezentat il-Bank ma giex onorat. Kien ghalhekk li, fit-30 ta' Settembru, 1997, is-socjeta` attrici interpellat lill-konvenuti ufficjalment fejn talbithom sabiex fi zmien jumejn ihallsu s-somma ta' LM10,167.63 ghas-saldu tad-debitu jew jaslu f'arrangament bonarju dwar pagamenti mensili, u fin-nuqqas jigu istitwit proceduri legali.*

"*Il-konvenuti ma hallsux dan l-ammont, billi kienu qed jippretendu, kif anke qed isostnu f'dawn il-proceduri, li l-ammont reklamat kien*

*eccessiv. Kien għalhekk li s-soċjeta` attriċi, fit-8 ta' Ottubru, 1997 in forza tal-Artikolu 25 tal-iskrittura tal-1 ta' April, 1996, iddeċidiet li tittermina l-lokazzjoni tar-restaurant u immedjatament waqfet is-servizz tal-elettriku għall-fond in kwistjoni u sussegwentement ukoll għalqet l-access għall-istess stabiliment.*

"*F'dawn il-proċeduri l-atturi qed jippretendu li l-konvenuti huma responsabbli ta' ksur ta' uħud mill-kondizzjonijiet lokatizzji tal-fond Tennesse Southern Fried Chicken in kwantu naqsu milli jħallsu ammonti ta' kera għall-imsemmi fond. Qed jiġi premess li, minħabba din l-inadempjenza, l-atturi tterminaw l-lokazzjoni, kif kellhom dritt jagħmlu skond l-iskrittura imsemmija. Għalhekk permezz ta' dawn il-proċeduri l-atturi qedin jitolbu li jiġi dikjarat li effettivament kien hemm ksur tal-kondizzjonijiet lokatizzji, u li b'riżultat ta' dan, il-kirja hija xolta. Qed jintalab ukoll li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu mhux biss dak l-ammont indikat fiċ-ċitazzjoni rappreżentanti bilanċ ta' kera dovut iżda ukoll li jħallsu somma oħra li għandha tiġi likwidata, rappreżentanti danni għall-okkupazzjoni illeċita da parti tal-istess konvenuti.*

"*Il-konvenuti qed jirreżistu dawn it-talbiet billi jsostnu li huma nfondati nkwantu l-ammont reklamat mhux dovut għar-raġunijiet imsemmija fin-nota tal-eċċezzjonijiet. Inoltre ġiet intavolata kontro talba fejn il-konvenuti qed isostnu li s-soċjeta` attriċi rikonvenuta hija responsabbli għad-danni fil-konfront tagħhom minħabba inadempjenza kuntrattwali u minħabba allegat aġir abbużiv meta ġiet maqtugħa l-provista tal-elettriku fl-imsemmi stabbiliment.*

"*Ikkunsidrat:-*

"*L-ewwel indaġini ta' din il-Qorti trid tkun indirizzata lejn it-talba attriċi dwar it-terminazzjoni tal-lokazzjoni tal-istabiliment Tennessee Southern Fried Chicken billi t-talbiet l-oħra, inkluża l-kontro talba, huma konnessi u konsegwenzjali għall-istess. In effetti din il-Qorti tħoss li din id-deċizjoni għandha tkun limitata għad-determinazzjoni ta' l-ewwel erba' talbiet attriċi u cioe` dawk li jikkonċernaw l-inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti u l-kundanna ħlas, salv il-kwistjoni tad-danni imsemmija fil-(5) talba attriċi u fil-kontro talba, salv jekk jirriżulta hekk opportun. Dan qed jingħad billi mill-atti jidher li dan kien l-intendiment ta' bejn il-partijiet – ara f'dan ir-rigward il-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Mejju, 1998 meta l-attur iddikjara "li għal dak li jikkonċerna it-talba prinċipali huwa lest mill-provi" (fol. 116). Infatti s-soċjeta` attriċi la resqet provi dwar it-talba għad-danni kontenuta fiċ-ċitazzjoni u lanqas ma resqet xi provi dwar il-kontro talba tal-konvenuti. Għalhekk it-talbiet l-oħra attriċi kif ukoll dawk kontenuti fil-kontro talba għandhom jiġu kunsidrati fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ.*

"*Ikkunsidrat:*

"*Is-socjeta` attrici qed issostni li l-konvenuti naqsu milli jhallsu ammonti ta' kera ghall-imsemmi stabbiliment u bhala konsegwenza ghandha dritt ixxolji l-kirja. Il-kera tal-fond maghruf bhala Tennessee Southern Fried Chicken hija regolata bl-artikolu 3 tal-ftehim ta' lokazzjoni tal-1 ta' April, 1996 – u d-dritt li li jigi xolt il-ftehim jinsab inkorporat fl-artikolu 25 tal-istess ftehim. L-artikolu 3 tal-ftehim ta' lokazzjoni jghid hekk:*

> "*3. In consideraztion of the grant of the right to operate the Franchise from the Premises and without prejudice to the increase in the fee as provided on Article 8, the Second Party (il-konvenuti) shall pay the First Party (is-socjeta` attrici) the sum of sixty Maltese liri LM60 daily, together with value added tax at the prevailing rate, payable monthly in advance.*"

"*L-artikolu 25 tal-ftehim fuq imsemmi jghid hekk:*

> "*25. The First party shall terminate this Agreement immediately by giving notice in writing to the Second Party in any of the following events.*
> "*(a) if the Second Party shall fail to pay amounts due and payable to the First Party:*
> "*(b) if the Second Party commits a serious breach of its obligations under this Agreement.*"

"*Is-socjeta` attrici qed isostni li l-ammont dovut lilha jilhaq is-somma ta' hdax il-elf tlett mija disgha u hamsin liri maltin sebgha u sittin centezimu (LM11,359.67) liema kreditu jirraprezenta arretrati ta' kera tal-fond Tennessee Southern Fried Chicken, kif ukoll ta' 'The Reef Bar' wara li l-konvenuti gew akkreditati bil-valur ta' stock li kien fadal fl-imsemmi bar u dana kif jidher ahjar dettaljat, skond l-istess atturi, fl-istatement a fol. 10 u 11 tal-process. Gie premess fic-citazzjoni li minkejja interpellazzjoni maghmula fit-30 ta' Settembru, 1997 il-konvenuti baqghu inadempjenti u kien ghalhekk li a tenur ta' l-Artikolu 25 il-lokazzjoni giet terminata wara id-debitu avviz maghmul b'ittra ufficjali tat-8 ta' Ottubru, 1997.*

"*Il-konvenuti qed isostnu li t-talbiet attrici huma nfondati u dan billi l-ammont reklamat mhux dovut billi:-*
"*1. hemm kalkoli zbaljati,*
"*2. pagamenti ma gewx riflessi fl-istatement,*
"*3. billi huma sofrew xi danni – mertu tal-kontro talba*
"*4. u minhabba spejjez ohra sborzati minnhom.*

"*Ghandu jinghad qabel xejn li l-iskrittura tal-1 ta' April, 1996 tirregola biss ir-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-fond maghruf bhala Tennessee Southern Fried Chicken. Ghalhekk l-obbligi u d-drittijiet hemm stipulati, inkluz id-dritt ta' xoljiment, ma jistghu qatt jigu milquta minn xi obbligi tal-konvenuti konnessi mal-operating agreement ta' The Reef Bar. Isegwi li kull ammont se mai dovut mill-konvenuti ghall-gestjoni tal-bar, qatt ma*

*jista` jinghadd mad-debiti dovuti ghar-restaurant biex jigi stabbilit jekk kienx hemm jew le, inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti, kif qed jigi allegat mis-socjeta` attrici. Lanqas, bl-istess mod, kull ammont dovut ghall-istock tal-bar, u inkorporat f'kambjala, ma jista` jizdied mad-debitu tal-konvenuti biex jiggustifika l-inadempjenza taghhom fir-rigward tal-lokazzjoni tar-restaurant.*

"*Dan premess ghandu jinghad li l-indagini li trid taghmel din il-Qorti ghandha tkun maqsuma fi tnejn. Fl-ewwel lok ghandu jigi stabbilit l-ammont kollu dovut mill-konvenuti lis-socjeta` attrici "qua" debitu generali, u fit-tieni lok, u prettament ghall-iskopijiet tal-Artikolu 25 tal-iskrittura ta' l-1 ta' April, 1996, ghandu jigi stabbilit jekk l-istess konvenuti kienu debituri tas-socjeta` attrici fil-mument tal-interpellazzjoni ufficjali ta' ammonti dovuti in konnessjoni mal-istabiliment Tennessee Southern Fried Chicken.*

"***L-ammont ta' debitu globali.***

"*Li statement a fol. 10 tal-process juri l-ammonti ddebitati lill-konvenuti, kemm ghall-kera tal-fond Tennessee Southern Fried, kemm dawk koncernanti l-bar, kemm spejjez ohra konnessi kif ukoll l-ammont ddebitat lill-konvenut ghall-istock tal-bar liema ammont illum jifforma import ta' kambjala. Il-konvenuti mhux qed jikkontestaw l-entrati tad-debiti, ghalkemm b'mod marginali u xejn konvincenti qed isostnu li l-ammonti rapprezentanti spejjez ta' Insurance u "Swill" huma eccessivi. Il-konvenuti izda qed jikkontestaw l-entrati, fid-dokument a fol. 5, tal-ammonti mhallsa minnhom. Dana billi l-konvenut qed isostni li fix-xahar ta' Mejju, 1997 huwa ghamel diversi pagamenti li ma jidhrux riportati fil-kolonna tal-"Credit" b'mod li l-ammont finalment dovut, apparti reklami ohra formanti parti mill-kontro talba, ghandu jkun ferm anqas minn dak indikat fl-istess statement u mitlub fic-citazzjoni ta' LM11,359.67.*

"*Kif sewwa osserva l-espert komputista Albert Vella s-sistema adottata mis-socjeta` attrici ghar-registrazzjoni tal-pagamenti setghet tghati lok ghal zbalji billi ma kiniex jigi registrat kull pagament li l-konvenut kien jaghmel. Dawn il-pagamenti ma kienux jsiru lill-accountant tas-socjeta` li huwa responsabbli ghall-istatement a fol. 10, izda kienu jsiru jew lid-direttur Mark Gatt jew lill-General Manager Joseph Lagana. Da parti taghhom dawn ma kienux jirrilaxxaw ricevuta lill-konvenut izda meta l-pagamenti akkont kienu jkunu tali li jkopru "Invoice" partikolari, (dan billi l-konvenut ma kienx jhallas l-ammont shih tal-invoice f'okkazzjoni wahda) l-istess Direttur jew General Manager kienu jinfurmaw lill-accountant sabiex fuq l-istatement jinnota li tali "Invoice" kienet thallset. Issa l-konvenut qed isostni li fix-xahar ta' Gunju 1997 huwa ghamel diversi pagamenti, kemm "in contanti" kif ukoll permezz ta' cheques, fis-somma ta' LM7,000 u cioe` LM3,000 'cash' u LM4,000 'cheques'. Dawn il-pagamenti, skond il-konvenut saru lil Mark Gatt biss dan qed jikkontesta dan il-fatt u jghid li huwa irceva biss l-import ta' tlett cheques ta' LM1000 il-wiehed li gew*

*mahruga "post dated" mill-konvenut u skontati minn certu Biaggio Carcirca u li dan il-pagament, flimkien ma somma ohra li hareg il-konvenut, kienu jkopru l-ammont dovut fix-xahar ta' April 1997.*

"*Issa minn ezami tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti jirrizulta li fix-xahar ta' Mejju 1997 il-konvenut hallas permezz ta' cheques is-somma ta' LM2,800 oltre somma ohra 'in contanti' biex kopra d-debitu tieghu ghall-kera tax-xahar ta' Mejju u l-ispejjez tax-xahar precedenti fl-ammont ta' LM4236.20. Infatti dan il-pagament jirrizulta fl-istatement tas-socjeta` attrici u jkopri l-valur taz-zewg 'invoices' mahruga mis-socjeta` attrici f'dak ix-xahar. Jirrizulta pero` li fix-xahar ta' Gunju 1997 l-istess konvenut hareg erbgha cheques ohra ta' LM1,000 kull wiehed favur is-socjeta` attrici u cioe wiehed fid-9 ta' Gunju, 1997, iehor fis-16 ta' Gunju, 1997, iehor fit-23 ta' Gunju, 1997 u iehor fit-30 ta' Gunju, 1997. Dawn, mid-dokumentazzjoni ezebita mill-konvenut, ma jirrizultawx li hargu "post dated" izda fid-data li hemm imnizzla fuqhom. Issa jirrizula li dawn ic-cheques, eccetto dak tad-9 ta' Gunju, 1997, billi ta' dan giet ezebita biss l-mamma u ghalhekk ma hemmx prova tal-"encashment", gew depozitati fil-kont tas-St Julien Hotel. B'dana kollu fl-istatement tas-socjeta` attrici fuq imsemmi dawn il-pagamenti li saru f'Gunju mhux riportati.*

"*Din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi kollha fir-rigward hija sodisfatta li "almenu" hemm tlett pagamenti ta' LM1,000 il-wiehed li gew effettwati. Ma jistax jinghad daqstant dwar l-pagament "cash" li jallega li ghamel il-konvenut billi f'dan ir-rigward kien jispetta lilu li jressaq prova konkluziva, u lanqas ma jista' jigi accetta bhala mhallas l-ammont ta' LM1,000 rapprezentat mic-cheque ossia "mamma" tal-istess li jgib id-data tad-9 ta' Gunju 1997. Ghalhekk dan l-ammont ta' LM3,000 irid jigi kreditat lill-konvenut b'mod li l-bilanc finali minnu dovut, salv it-tpacija li jista' jkun hemm a tenur tal-kontro talba, jonqos ghall-LM8,359.67.*

"***Terminazzjoni tal-lokazzjoni.***

"*Din il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-istatement pprezentat mis-socjeta` attrici, tenut kont tax-xhieda tal-kontendenti, sabiex tiddetermina jekk fid-data tal-interpellazzjoni, u dana bla pregudizzju ghal dak li ser jinghad hawn taht dwar l-istess interpellazzjoni, effettivament kien hemm inadempjenza konsistenti f'nuqqas ta' pagament.*

"*Fl-ewwel lok ghandu jigi osservat li sa l-ahhar tax-xahar ta' April, 1997, kif jidher mill-istess statement tas-socjeta` attrici, il-konvenut kien issalda l-ammonti kollha dovuti minnu ghall-kera tal-fond Tennessee Southern Fried Chicken u dan apparti debiti ohra relatati mal-gestjoni tal-bar. Huwa minnu li fl-istess statement f'dik id-data jirrizulta bilanc sfavorevoli kontra l-konvenut fl-ammont ta' LM3338.15, dana l-ammont pero` jirraprezenta l-valur tal-kambjala iffirmata mill-*

*konvenut rapprezentanti stock tal-bar, u li, ghar-ragunijiet fuq moghtija ma ghandhux rilevanza ghal din l-indagini.*

"*Wara din id-data l-istatement juri debitu globali, cioe` inkluzi ukoll ammonti dovuti ghall-gestjoni tal-bar, fl-ammont ta' LM19,837.15 filwaqt li, dejjem skond l-istess statement (wara li titnaqqas l-credit note ghas-somma ta' LM1541.73 rapprezentanti valur ta' xorb ritornat tal-bar), l-ammonti mhallsa mill-istess konvenuti ghall-istess perjodu indikat fl-istatement, jammontaw ghas-somma ta' LM10,273.90.*

"*Dawn l-pagamenti ammontanti ghall-LM10,273.90 izda ma ghandhomx jmorru kontra d- debiti tal-bar billi, fl-ewwel lok, l-operating agreement gie terminat f'Awissu 1997 u ghalhekk jista' jghati l-kaz li kull ammont iddebitat lill-konvenut wara din id-data mhux dovut, u fit-tieni lok billi skond l-paragrafu (f) tal-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili "il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi, fiz-zmien tal-hlas, id-debitur kellu l-izjed interess li jhallas". U billi l-iskrittura ta' lokazzjoni ta' l-1 ta' April, 1996 kienet tikkontempla dekadenza f'kaz ta' morozita`, kien fl-interess tal-istess konvenut li jhallas d-debitu tal-restaurant qabel ma jissalda dak tal- operating agreement billi dan l-ftehim ma kien jistipula ebda sanzjoni simili.*

"*Ghalhekk tenut kont ta' dan li inghad hawn fuq insibu li fid-data li s-socjeta` attrici itterminat l-lokazzjoni, filwaqt li l-ammont dovut ghall-kera/spejjez tal-Tennessee Southern Fried Chicken kien jammonta ghas-somma ta'LM12,375.57, (ara invoices 5180, 5185, 5195, 5229, 5233, 5234 u 5238 imsemmija fl-istatement a fol 10) il-pagamenti maghmula mill-konvenut fl-istess pejodu (inkluza s-somma ta' LM3,000 hawn fuq imsemmija) kienu jammontaw ghas-somma ta' LM13,273.90. Dan ifisser li l-pagamenti maghmula mill-konvenut kienu jeccedu l-kreditu reklamat mis-socjeta` attrici. Minn dan jidher li fid-data tal-interpellazzjoni u sussegwenti terminazzjoni tal-lokazzjoni s-socjeta` attrici ma kellha ebda dritt li tinvoka l- Artikolu 25 tal-ftehim billi ma kien hemm ebda ammont dovut bhala arretrati ta' kera.*

"*Illi oltre dan ghandu jigi rilevat li l-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru, 1997 ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 25 tal-iskrittura tal-1 ta' April 1996 billi din bl-ebda mod ma taghmel referenza ghall-imsemmi artikolu u l-konsegwenzi li jista` jsofri l-konvenut jekk jibqa' inadempjenti. Izda din hija semplici interpellazzjoni ghall-hlas b'intima li f'kaz li dan ma jsirx, anke permezz ta'ftehim ta' pagamenti mensili, jittiehdu proceduri bil-qorti. Din l-interpellazzjoni ghalhekk bl-ebda mod ma poggiet lill-konvenut fis-sitwazzjoni kontemplata fl-artikolu imsemmi billi qatt ma intqal fiha li l-ftehim jigi xolt.*

"*Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` attrici ma kellha ebda raguni valida biex f'Ottubru 1997 tittermina l-ftehim tal-1 ta' April 1996 billi la jirrizulta inadempjenza da parti tal-konvenut dwar hlas ta' kera u billi wkoll l-interpellazzjoni maghmula kienet vaga.*

> "*Minhabba dak li jinghad hawn fuq jidher li t-talba ghad-danni proposta mis-socjeta` attrici ma ghandha ebda fondament mentri jista' jkun hemm dritt ghad-danni kif kontemplati fil-kontro-talba, biss din il-kontro talba ghandha, ghar-ragunijiet fuq esposti, tigi kunsidrata fi stadju ulterjuri wara li jitressqu l-provi kollha fir-rigward.*"

Rat ukoll is-sentenza finali tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Ottubru, 2011, li in forza taghha, dik il-Qorti iddecidiet billi laqghet il-kontro-talba u iddikjarat li Hotel Services Limited hija responsabbli ghad-danni sofferti minn Mark u Lucienne konjugi Curmi, f'isimhom personali u f'isem M & M Caterers u SKC Caterers, illikwidat d-danni fl-ammont ta' €140,512, u ikkundannat lil Hotel Services Limited thallas l-ammont ta' €140,512 lil Mark u Lucienne Curmi; bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu minn Hotel Services Limited.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li irriteniet:

> "*Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, dik il-Qorti rriteniet illi:*
>
> > "*Fl-ewwel lok tiddikjara li fid-data tat-terminazzjoni unilaterali da parti tas-socjeta` attrici tal-lokazzjoni tal-fond maghruf bhala Tennessee Southern Fried Chicken, fuq imsemmi, ma kien hemm ebda inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti billi ma kien dovut ebda ammont in konnessjoni ma' din il-lokazzjoni fid-data tal-interpellazzjoni.*"
>
> "*Stabbilit ghalhekk illi, da parti tal-konvenuti Curmi, ma kien hemm ebda inadempjenza kontrattwali, isegwi illi qtugh tal-provvista tal-elettriku u l-gheluq tal-istabbiliment de quo ma kienx gustifikat.*
>
> "*Konsegwentement, l-istess socjeta` hija responsabbli ghall-hsara li tali agir taghha kkawza lill-konvenuti.*
>
> "*Fil-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghall-Art. 992 tal- Kap. 16.*

"*992 (1). Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*
"*(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi.*"

"*L-Art. 1068:*

"*Il-kondizzjoni rizoluttiva tinghadd dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha:*

"*Izda, f'dak il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx ipso jure, u l-qorti tista', skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh.*"

"*Kif ukoll l-Art. 1125:*

"*Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni.*"

"*Fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti, il-Qorti tasal ghas-sejbien ta' responsabilita' tas-socjeta` Hotel Services ghad-danni kawzati lill-konvenuti.*

"*Stabbilita r-responsabilita', il-Qorti tghaddi biex tillikwida l-ammont tad-danni kkawzati.*

"*L-Art. 1135 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:*

"*Bla hsara tal-eccezzjonijiet u tat-tibdil kif migjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma, b'mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-qliegh li jkun gie mtellef.*"

"*F'dan il-kuntest, Mark Curmi, fl-affidavit tieghu jelenka d-danni li bata. Huwa jsostni illi, galadarba l-kuntratt de quo kellu jibqa' vigenti sa Marzu 2001, huwa ghandu dritt ghall-qliegh li kien jaghmel li kieku baqa' jopera l-istabbiliment. Huwa xehed in dettall fiz-zewg affidavits tieghu, wiehed fit-12 ta' Gunju 1998 u iehor fil-15 ta' Novembru 1999. Ma ngabet ebda prova li tikkontrasta l-pretensjonijiet tieghu. Il-konvenut jasal ghall-figura komplessiva ta' sittin elf, tlett mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin (Lm60,322), ekwivalenti ghal mija u erbghin elf, mija u tnejn u hamsin Ewro (€140,152). Dan l-ammont jikkomprendi sitta u hamsin elf Liri Maltin (Lm56,000) f'telf ta' qliegh u l-kumplament rapprezentanti stock u attrezzaturi. Kif intqal aktar 'il fuq, dawn il-figuri ma gew bl-ebda mod kontrastati.*"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet illi din il-Qorti tilqa' l-appell taghha, tirrevoka s-

sentenzi precitati fl-intier taghhom, kemm dik moghtija fil-11 ta’ Jannar, 2005, kif ukoll dik tat-18 ta’ Ottubru, 2011, billi tiddikjara li l-konvenuti appellati kienu inadempjenti fl-obbligi taghhom emanenti mill-kuntratt iffirmat fl-1 ta’ April, 1996, u konsegwentement tiddikjara li t-terminazzjoni tal-istess kuntratt sehh ghal ragunijiet validi, tillikwida l-ammont ta’ kera u spejjez dovuti lis-socjeta` appellanti pendenti u naxxenti mill-operat tal-fond *Tennessee Southern Fried Chicken,* tikkundanna lill-konvenuti appellati jhallsu s-somma hekk likwidata, u konsegwentement tichad il-kontro-talba. Fin-nuqqas talbet illi din il-Qorti tiddeciedi li minhabba zbalji fil-procedura, jigu rinvjati l-atti lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili sabiex taghti opportunita` lis-socjeta` attrici tressaq d-debiti provi dwar il-kontro-talba, jew fin-nuqqas tiddikjara li l-ammont ta’ danni likwidati huma aktar minn dak misthoqq u tirreduci l-istess danni likwidati ghal somma ohra u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati *et noe.*

Rat illi ghalkemm saru diversi tentattivi ta’ notifika lill-konvenuti, anke wara l-hinijiet legali, dawn baqghu mhux notifikati u ghalhekk din il-Qorti, fuq rikors illi sarilha, laqghet it-talba tas-socjeta` appellanti li issir in-notifika permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f’gazzetta ta’ kuljum, li jirrizulta mill-atti li saru.

Rat illi l-appellati ma ipprezentaw ebda risposta ghalkemm l-appellat Mark Curmi deher fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2016, debitament assistit.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu, il-partijiet permezz tal-avukati taghhom, irrimettew ruhhom ghall-atti u ghalhekk l-appell gie differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi wara li l-partijiet dahlu f'kuntratt ta' kera fl-1 ta' April, 1996 fejn is-socjeta` attrici kriet lill-konvenuti l-istabbliliment *Tennessee Southern Fried Chicken* ghas-somma ta' Lm60 kuljum, permezz ta' din il-kawza s-socjeta` attrici qeghda tfittex lill-konvenuti ghall-inadempjenza kuntrattwali konsistenti f'nuqqas ta' hlas ta' kera li kienet ir-raguni ghaliex ghaddiet sabiex tittermina l-istess kuntratt wara intimazzjoni legali. Is-socjeta` attrici qeghda tfittex ghall-hlas ta' kera u pendenzi ohra fuq l-istess kuntratt, kif ukoll fuq ftehim iehor li permezz tieghu l-attrici ghaddiet ukoll it-tmexxija tal-istabbiliment bl-isem *The Reef Bar* fejn il-konvenuti xtraw ukoll l-i*stock* ezistenti u kellhom ihallsu s-somma ta' Lm50 kuljum. Ghalhekk l-attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu dikjarati inadempjenti, li l-kirja tigi dikjarata xolta, jigi ordnat l-

izgumbrament tal-konvenuti, u li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm11,359.67 jew somma ohra verjuri li ghandha tigi likwidata mill-Qorti, tiddikjara li s-socjeta` attrici sofriet danni konsegwenti l-agir tal-konvenuti meta kisru il-kundizzjonijiet tal-ftehim pattwit, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma hekk likwidata.

Il-konvenuti laqghu ghall-azzjoni attrici billi cahdu l-istess bhala infondata peress li s-somma kif mitluba mhix dovuta stante li hemm kalkoli zbaljati, pagamenti mhux riflessi u danni subiti mill-istess konvenuti konsegwenza tal-agir abusiv da parti tal-attrici meta qatghet il-provvista tad-dawl u ghalqet l-istess stabbiliment u dan ghad-detriment tal-konvenuti.

Kif intwera, il-konvenuti ressqu kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, kontro-talba fejn ippremettew li kienet l-istess socjeta` rikonvenuta li kienet inadempjenti mal-obbligi kuntrattwali assunti minnha, meta unilateralment, bi vjolenza u klandestinita` qaghtet il-provista tal-elettriku ghall-fond u ghalqet l-istess istabbiliment, u billi ressqet pretensjonijiet totalment ingustifikati.  Qed isostnu li konsegwentement il-konvenuti sabu ruhhom fl-impossibilita` li jiggestixxu n-negozju u li juzufruwixxu mill-investiment li kienu ghamlu, u li ghalhekk sofrew danni konsistenti f'telf ta' flus investiti u telf ta' qliegh, kif ukoll telf ta' negozju u ammont sostanzjali ta' *stocks* li kellhom fil-

friza. Ghalhekk il-konvenuti rikonvenzjonanti talbu lill-Qorti tiddeciedi u tiddikjara s-socjeta` rikonvenuta responsabbli ghad-danni sofferti konsegwenti ghall-agir suespost, tillikwida d-danni u tikkundanna lis-socjeta` rikonvenuta thallas lill-konvenuti d-danni hekk likwidati.

Permezz tas-sentenza tal-11 ta' Jannar, 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet illi ma kien hemm ebda inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti billi ma kien hemm dovut ebda ammont in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-fond *Tennessee Southern Fried Chicken* fid-data tal-interpellazzjoni da parti tal-attrici. Laqghet, pero`, ir-raba' talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm8,359.67 ghall-kera u valur bilancjali ta' *stock* u spejjez ohra konnessi mal-gestjoni da parti tal-konvenuti ta' *The Reef Bar*, b'mod li l-kreditu tas-socjeta` attrici rapprezentat fil-kambjala tal-4 ta' April, 1997, huwa inkorporat fl-imsemmi ammont.

L-ewwel aggravju tas-socjeta` attrici appellanti fir-rigward ta' din is-sentenza huwa ibbazat fuq il-premessa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u konteggi meta ikkonkludiet li fid-data tat-terminazzjoni da parti taghha tal-lokazzjoni fuq il-fond ta' *Tennessee Southern Fried Chicken,* ma kien hemm ebda inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti, billi ma kien hemm ebda ammont dovut in konnessjoni ma' dan il-fond.

Ghandu jinghad mill-ewwel li fil-gurisprudenza taghna huwa ritenut li mhux normali li l-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal xi raguni gravi u impellenti. F’dana s-sens huma s-sentenzi ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Frar, 1997, fl-ismijiet **Joseph Grech Sant noe v. l-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et noe**, dik tas-27 ta’ Novembru 2009, fl-ismijiet **Francis Gauci v. Jimmy Bugeja**, kif ukoll dik tat-3 ta’ Marzu, 2011 fl-ismijiet **Isabelle Borg et v. Robert Galea et** fejn kien ritenut illi:

> *“Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx, legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.”*

Inoltre` fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-3 ta’ Lulju, 2003, fl-ismijiet **Emanuel Borg v. Joseph Cassar**, kien spjegat ukoll kif u sa fejn tali disturbament fl-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti huwa permessibbli.  Intqal a propositu:

> “*Fil-kawza fl-ismijiet Agius vs Agius deciza mill-Qorti ta’ l- Appell fit-2 ta’ Dicembru 1994 inghad: “gie konstantement ritenut minn dawn il-Qrati illi apprezzament tal-fatti mill-Qrati tal-ewwel grad m`ghandux normalment jigi disturbat minn qorti ta’ kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f`dak il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta’ revizjoni illi l-apprezzament ta’ l-ewwel Qorti kienet tant zbaljata li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ngustizzja. Dan ghaliex hu car li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma’ x-xhieda viva voce u kienet f`qaghda ferm iktar favorevoli biex tifforma opinjoni objettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta’ l-Appell generalment m`ghandhiex*.”

Hekk ukoll f'dan il-kaz, din il-Qorti ma tarax li hemm xi zball f'dak li irriteniet l-ewwel Qorti meta sostniet li, hekk kif osservat mill-perit komputista imqabbad minnha, is-sistema ghar-registrazzjoni ta' pagamenti adoperata mis-socjeta` attrici ma kenitx ideali peress li setghet taghti lok ghal zbalji ladarba ma kienx jigi registrat fil-pront kull pagament maghmul mill-konvenut Mark Curmi, li kien ihallas lid-direttur Mark Gatt jew lill-General Manager Joseph Lagana. Dawn, da parti taghhom, ma kienux jirrilaxxaw ircevuta, izda biss meta l-pagamenti akkont da parti tal-konvenut ikopru *invoice* partikolari, huma kienu jinfurmaw lill-accountant sabiex jinnota tali hlas ta' *invoice.* Il-konvenut sostna li saru diversi pagamenti ammontanti ghas-somma ta' Lm7000, li ma gewx innotati fir-rendikont mahrug mill-*accountant* tas-socjeta` attrici, fosthom hlasijiet permezz ta' cekkijiet, kif ukoll hlasijiet fi flus kontanti. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti gustament irriteniet li filwaqt li saret id-debita prova da parti tal-konvenut rigwardanti hlas permezz ta' tliet cekkijiet ta' Lm1000-il wiehed, ma jistax jinghad l-istess ghal cekk partikolari li gietipprezentata biss il-mamma tieghu u ghalhekk m'hemmx prova li dan ic-cekk fil-fatt issarraf. Fir-rigward tal-hlas ta' flus kontanti, l-ewwel Qorti ma accettatx il-pretensjoni tal-konvenuti peress li ma gabux prova konklussiva f'dan is-sens. Ghalhekk dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-bilanc dovut kien ta' Lm8,359.67, u mhux kif pretiz mis-socjeta` attrici.

Din il-Qorti tqies li l-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward hija korretta u dan anke fid-dawl tas-sistema pjuttost laxka li kienet tadotta s-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenuti.

L-istess jista' jinghad fir-rigward tat-terminazzjoni tal-lokazzjoni meta l-ewwel Qorti, wara li ghamlet ezercizzju dwar l-ammonti rizultanti bhala dovuti ghar-*restaurant* u dawk dovuti ghall-*operating agreement* separatament, gustament irriteniet li l-konvenuti ma kienux inadempjenti peress li kienu ghamlu l-pagamenti li kienu jeccedu l-kreditu reklamat mis-socjeta` attrici in kwantu jirrigwarda l-fond *Tennessee Southern Fried Chicken*, u li, ghalhekk, s-socjeta` attrici ma kellha ebda dritt tinvoka l-klawsola 25 tal-kuntratt ta' kera tal-1 ta' April, 1996. Dan qieghed jinghad ukoll peress li din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, tirritjeni li a tenur tal-Artikolu 1171 (f) tal-Kodici Civili, huwa stipulat li l-hlas da parti tad-debitur ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi, fiz-zmien tal-hlas, id-debitur kellu l-izjed interess li jhallas. Issa f'dan il-kaz, l-iskrittura ta' lokazzjoni tal-1 ta' April, 1996, kienet tikkontempla dekadenza f'kaz ta' morozita`, u allura jsegwi li kien fl-interess tal-istess konvenuti li l-ewwel jithallas d-debitu tar-*restaurant* qabel dak tal-*operating agreement* rigwardanti *The Reef Bar,* billi dan il-ftehim ma kien jistipula ebda sanzjoni simili fil-konfront tal-konvenuti. Ghalkemm huwa minnu li s-socjeta` appellanti kellha dritt ukoll tittermina l-ftehim rigwardanti *The Reef Bar*, xorta jibqa' l-fatt li dan l-ahhar ftehim ma kienx jahseb ghal

ebda sanzjoni, kuntrarjament ghal dak mahsub fil-kuntratt ta’ kera tar-restaurant. Huwa minnu wkoll li l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Settembru, 1997, da parti tas-socjeta` attrici, ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 25 tal-kuntratt ta’ kera, in kwantu din kienet vaga u ma ghamlet ebda referenza ghall-imsemmi artikolu jew ghall-konsegwenzi li jistghu jirrizultaw mill-inadempjenza tal-konvenuti. Ghalhekk ukoll s-socjeta` appellanti ma kellha ebda raguni valida biex unilateralment tittermina l-ftehim ta’ lokazzjoni tal-fond in kwistjoni.

Filwaqt li s-socjeta` appellanti ma tikkontestax l-ammont dovut lilha hekk kif likwidat mill-ewwel Qorti, tilmenta li l-ammont ta’ Lm3,422.80 kien bilanc relatat mar-*Reef Bar*, u r-rimanenti Lm4,936.87 bilfors kienu bilanc rapprezentanti hlas ta’ kera fuq ir-restaurant. Izda hawn din il-Qorti tirribadixxi li bhala qorti ta’ revizjoni normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal xi zball manifest li jwassal sabiex parti issofri ingustizzja, li f’dan il-kaz ma tirrizultax.

Ghalhekk dan l-ewwel aggravju tal-appellanti fil-konfront tas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, tal-11 ta’ Jannar, 2005, ma jimmeritax li jintlaqa’ u ser jigi michud.

Permezz tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2011, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet illi tilqa' l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti u iddikjarat lis-socjeta` Hotel Services Limited responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenuti u illikwidat id-danni fl-ammont ta' €140,512.

Fir-rigward ta' din is-sentenza, s-socjeta` appellanti taht it-tieni aggravju tikkontendi li l-ewwel Qorti stradat il-kawza zbaljatament meta irceviet l-atti rinvijati wara s-sentenza preliminari, u zvijat lis-socjeta` appellanti fuq min kellu jgib il-provi, u dan meta sejhet lill-konvenuti appellati sabiex igibu l-provi. Jigi innotat hawnhekk li fl-ahhar linja tas-sentenza tal-11 ta' Jannar, 2005, jinghad: ***"ghall-kontinwazzjoni u ghall-provi dwar il-kontro-talba tal-konvenuti u ghad-decizjoni dwar l-istess"***. Konsegwentement, huwa pjuttost logiku li fl-ewwel seduta tat-2 ta' Mejju, 2007, quddiem l-ewwel Qorti, kif diversament presjeduta, il-kawza thalliet ghall-provi tal-konvenuti li ressqu l-kontro-talba. Dan sar fil-prezenza tal-avukat difensur tas-socjeta` attrici, li jidher li ma ivverbalizza xejn, meta inghata d-differiment u intqal x'kien l-iskop ta' dak id-differiment. Jekk kemm-il darba l-parti rikonvenzjonata kien jidhrilha li l-kawza kellha tithalla ghall-provi taghha kellha kull opportunita` li tqajjem l-ilment taghha, jekk mhux f'dik is-seduta, tal-inqas f'dik ta' wara tal-10 ta' Ottubru, 2007, meta ghal darb'ohra fil-prezenza tad-difensur tal-attrici rikonvenzjonata, l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li gie ikkonstatat li l-konvenuti ma resqux provi ulterjuri.

Kien hawn li s-socjeta` attrici, kieku riedet, messa talbet li tressaq il-provi taghha. Inoltre` kien hemm diversi differimenti, fejn dik il-Qorti iddifferiet il-kawza ghas-sentenza, u qatt ma saret talba mis-socjeta` attrici biex din tressaq il-provi taghha. Is-socjeta` attrici rikonvenzjonata kellha bosta zmien sabiex, jekk kien jidhrilha li kien il-kaz, titlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, sabiex tkun f'posizzjoni li tressaq dawk il-provi li kien jidhrilha bhala mehtiega, u dan qabel ma nghatat is-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2011.

Meta l-ewwel Qorti tat is-sentenza preliminari tal-11 ta' Jannar, 2005, u irrinvjat l-atti quddiem il-Qorti diversament preseduta ghat-tkomplija tas-smiegh tal-provi dwar il-kontro-talba u ghad-decizjoni taghha, dan ma sarx, kif ittantat tghid r-rikonvenzjonata, ghax il-prova li kienet saret da parti tal-konvenuti, dokument miktub bl-idejn, ezebit kazwalment, minghajr ebda formalita`, ma kienx il-prova li trid il-ligi. Anzi jekk wiehed jara dik is-sentenza, jinghad illi "***infatti s-socjeta` attrici la ressqet provi dwar it-talba ghad-danni kontenuta fic-citazzjoni u <u>lanqas ma ressqet xi provi dwar il-kontro-talba tal-konvenuti</u>. <u>Ghalhekk it-talbiet</u> l-ohra attrici kif ukoll dawk <u>kontenuti fil-kontro-talba ghandhom jigu kunsidrati fi stadju ulterjuri</u> jekk ikun il-kaz***", kif ukoll "***minhabba dak li jinghad hawn fuq jidher li t-talba ghad-danni proposta mis-socjeta` attrici ma ghandha ebda fondament mentri jista' jkun hemm dritt ghad-danni kif kontemplati fil-kontro-talba,***

***biss din il-kontro-talba ghandha, ghar-ragunijiet fuq esposti, tigi kunsidrata fi stadju ulterjuri wara li jitressqu l-provi kollha fir-rigward***". (enfasi u sottolinjar mizjud minn din il-Qorti). Imkien ma gie indikat li l-"prova" li kienet saret mill-konvenuti kienet sejra tigi imwarrba.

Dan ifisser li l-kawza kienet rinvjata ghall-provi kollha, kemm dawk tal-konvenuti rikonvenzjonanti izda wkoll, proprju fl-istess interess tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata, sabiex fin-nuqqas li l-konvenuti jressqu provi ohra relattivi ghall-kontro-talba taghhom, hija tkun tista' iggib dawk il-provi li setghu kienu mehtiega sabiex jattakkaw il-pretensjonijiet imressqa mill-konvenuti rikonvenzjonanti. Il-konvenuti ma ressqux provi ulterjuri f'dak l-istadju tal-kawza. Il-fatt li l-attrici rikonvenzjonata m'gharfitx l-importanza li taghmel uzu mill-opportunita` li nghatat sabiex tressaq id-difiza taghha ghall-kontro-talba maghmula u l-provi imressqa fi stadju antecedenti, ma jaghtix jedd li toqghod f'dan l-istadju tilmenta li kienet il-Qorti li zvijata, u ghalhekk f'dan ir-rigward ma tista' tinghata ebda soljev ghan-nuqqas taghha in kwantu *imputet sibi.* Il-fatt li f'dak l-istadju tal-kawza l-konvenuti naqsu milli jidhru, b'daqshekk s-socjeta` attrici ma setghetx tippresumi li l-konvenuti kienu b'xi mod qeghdin jirrinunzjaw ghall-pretensjonijiet taghhom taht il-kontro-talba, u kien fl-interess tas-socjeta` attrici tikkontesta b'kull mod possibbli, fosthom bl-iskrutinju tal-kontro-ezami tal-istess konvenut, sabiex tirribatti l-istess pretensjonijiet imressqa mill-konvenuti permezz tal-affidavit ta' Mark

Curmi u tad-dokumenti hemm annessi. Zgur li ma jistax jinghad, kif tivvanta s-socjeta` appellanti, li ma saret ebda prova rigward il-kontro-talba u d-danni li sofrew il-konvenuti.

Ghalhekk it-tieni aggravju tal-appellanti fil-konfront tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tat-18 ta' Ottubru, 2011, lanqas ma jisthoqq li jintlaqa' u ser jigi michud.

It-tielet u r-raba' aggravji fil-konfront ta' din l-ahhar sentenza sejrin jigu trattati flimkien peress li huma intrinsikament konnessi ma' xulxin. Is-socjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin meta illikwidat l-ammont ta' €140,512 stante li ma tressqu ebda provi validi u konvincenti sal-grad tal-prova rikjesta mill-ligi sabiex tigi sostnuta l-kontro-talba tal-konvenuti u jekk il-Qorti kienet korretta li l-konvenuti sofrew id-danni, l-ammont illikwidat mill-ewwel Qorti huwa ezagerat u erronjament komputat peress li ma sarux certu osservazzjonijiet u deduzzjonijiet bhalma hija t-tnaqqis statutorju ta' taxxa ta' 35% fuq il-qliegh li jkun sar.

Fl-ewwel lok, is-socjeta` appellanti tissottometti li ladarba l-konvenuti kienu inadempjenti, il-kontro-talba ma setghet qatt tintlaqa', madankollu dan jikkozza ma' dak ritenut minn din il-Qorti, meta ikkonfermat dak ritenut mill-ewwel Qorti, li ladarba ma kien hemm ebda ammont dovut in

konnessjoni mal-istabbiliment tal-ikel, isegwi li ma kien hemm ebda inadempjenza kuntrattwali;  isegwi, ghalhekk, li l-qtugh tad-dawl da parti tas-socjeta` attrici tassew ma kienx gustifikat.

Huwa pacifikament ritenut li sabiex persuna tinstab responsabbli ghad-danni li haddiehor ikun garrab, konsegwenza tal-agir tal-istess persuna, bizzejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna li jew bin-negligenza jew bl-agir taghha, wassal ghall-hsara vantata mid-danneggjat u ghalhekk ma' dik il-persuna jintrabat l-piz tar-responsabbilta` ghal dak li jkun gara. F'kull kaz bhal dan, jehtieg li jigi ippruvat sodisfacentment in-ness ta' kawzalita` bejn l-agir ta' parti u d-dannu attwalment imgarrab, kif ukoll li d-danni pretizi jkunu ippruvati b'mod cert.

Minn ezami tal-provi migjuba mill-konvenuti, filwaqt li gie ippruvat sodisfacentement in-ness tal-kawzalita` in kwantu kien l-agir xejn ghaqli tad-dirigenti tas-socjeta` attrici meta ingustament hadu d-decizjoni li jaqtghu d-dawl li jaghti ghall-istabbilment gestit mill-konvenuti, li wassal ghall-hsara li sofrew il-konvenuti, kemm f'dak li jirrigwarda l-*istock* li kien fil-friza u li spicca biex kellu jintrema kollox, kif ukoll danni ohra bhal telf ta' qliegh min-negozju u telf t'oggetti ohra wara li ma nghatawx access ghall-istabbiliment in kwistjoni, madankollu, din il-Qorti ma tinsabx daqstant konvinta fuq il-grad tal-prova imressqa mill-konvenuti rigward id-danni allegatament subiti konsegwenza tal-agir tas-socjeta` attrici.  Ir-

regola generali fil-ligi procedurali Maltija, ai termini tal-Artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hi fis-sens illi l-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li issirilha l-ahjar prova li l-parti tista' iggib.

Hawnhekk issir referenza ghar-rassenja ta' gurisprudenza migbura fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta` Settembru 2013, fil-kawza ***Chef Choice Limited v. Raymond Galea et*** fejn inghad:

> "*... il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara sentenza Appell Inferjuri - 12.1.2001 -* ***Hans J. Link et v. Raymond Mercieca).***
> "*… il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara sentenza Appell Inferjuri - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil****).*
> "*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*
> "*… Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara sentenza tal-Prim'Awla - 18.5.2009 -* ***Col. Gustav Caruana noe et v. Air Supplies and Catering Co. Ltd****.).*"

Din il-Qorti thaddan dawn l-istess insenjamenti u tirritjeni li f'dan il-kaz ukoll kien jinkombi fuq il-konvenuti li jgibu l-ahjar prova in sostenn tal-valur tal-oggetti fil-friza, konsegwentement id-dannu subit, kif ukoll l-ahjar prova fir-rigward tat-telf mill-qliegh konsegwenza tal-agir tal-attrici rikonvenzjonata. Ma jidhirx li l-ewwel Qorti ghamlet ezami akkurat tal-pretensjonijiet vantati mill-konvenuti fil-kontro-talba taghhom, meta hija

semplicement strahet fuq stqarrija tal-konvenut rikonvenzjonant minghajr ma dahlet fid-dettalji tal-figuri minnu indikati, u dan fuq il-premessa li l-attrici ma ikkontestathom bl-ebda mod.  Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina d-diversi partiti formanti l-pretensjonijiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti.

Il-konvenuti jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom ta' danni fuq l-affidavit tal-konvenut Mark Curmi, li mieghu jannetti diversi kalkoli mhux, pero`, sostanzjati bid-dokumenti appoziti.

Fl-ewwel lok, huwa jaghmel dikjarazzjoni ta' qliegh bhala bejgh u *turnover* ibbazat fuq il-perjodu li l-konvenuti damu joperaw l-istabbiliment in kwistjoni.  Minn dan id-dokument il-konvenuti jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom fuq il-percentagg ta' 15% fuq it-*turnover* li jwassal ghal ammont ta' Lm16,000 fis-sena, li immultiplikat ghaz-zmien li l-konvenuti kien fadlilhom joperaw l-istabbiliment, skont il-kuntratt ta' kera li kellhom, iwassal ghal pretensjoni ta' Lm56,000.  Kif gustament tirrileva s-socjeta` appellanti ma jirrizultax jekk sarx it-tnaqqis ghat-taxxa fuq dan l-ammont jew ta' spejjez ohra fl-operat tan-negozju.  Jigi osservat ukoll li din il-prova mhix korraborata b'dokumenti ohra, bhal per ezempju xi *audited accounts* jew xi *income tax return,* tal-konvenuti ghall-perjodu meta kienu qeghdin joperaw in-negozju, li permezz taghhom il-konvenuti setghu jissostanzjaw tali pretensjoni.  Min-naha l-

ohra lanqas ma jista' jigi skartat il-fatt li d-dikjarazzjoni tal-konvenuti ma gietx kontrastata da parti tal-appellanti permezz ta' kontro-ezami li certament kien ikun opportun sabiex issir il-prova tar-riservi taghha dwar l-istess pretensjonijiet.

Il-konvenut jirreferi wkoll ghall-i*stock* mizmum fil-friza fl-istabbiliment in kwistjoni fl-ammont ta' Lm596.58. F'dan il-kaz filwaqt li jigi osservat li ma gewx prezentati l-fatturi relattivi hemm imsemmija, fl-affidavit tieghu l-konvenut jispjega li bil-*mark up* relattiv, dawn l-oggetti kellhom jitilghu ghas-somma ta' Lm2,300 rapprezentanti prezz ta' bejgh. Izda huwa ritenut li dan il-fattur huwa diga` inkorporat taht il-partita precedenti u li f'dan il-kaz l-ammont pretiz ghandu jirraprezenta l-valur effettiv tat-telf imgarrab mill-konvenuti.

Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-konvenuti ghas-somma ta' Lm386.40, rapprezentanti l-prezz ta' xorb li nghata lis-socjeta` attrici, jissemmew numru ta' fatturi li l-konvenut Curmi jghid li ma esebix minhabba l-voluminozita' taghhom, li madankollu huwa jtenni li seta' jezebixxi jekk kemm-il darba jkun hekk mehtieg. Dan huwa zball, ghax ma hux mistenni li l-Qorti titlob xi prova, u kien obbligu tal-konvenuti li jaraw li l-provi kollha rilevanti jkunu a disposizzjoni tal-Qorti. Hawn ukoll, pero`, s-socjeta` appellanti naqset milli taghmel id-debitu skrutinju ta' dawn il-

pretensjonijiet bil-mezz tal-kontro-ezami u ma qalet xejn fir-rigward taghhom.

Il-konvenuti jsostnu wkoll li hallew warajhom fl-istabbiliment numru ta' oggetti bhal magna tas-silg, *video game machine, weighing measure* u diversi oggetti ohra u jipprezentaw stima ohra ta' oggetti varji li hallew warajhom fl-istabbiliment. Jigi osservat li s-socjeta` attrici fil-kontro-ezami taghha tal-konvenut, illimitat ruhha ghal mistoqsijiet relattivi ghal hlasijiet maghmula mill-konvenuti in konnessjoni mal-kera u, ghall-darba ohra, ma indirizzatx din il-pretensjoni vantata mill-konvenuti fil-kontro-talba taghhom.

Kif inghad qabel, is-socjeta` appellanti nghatat opportunita' wara l-ewwel sentenza, li tabilhaqq m'gharfitx tiehdu fil-mument propizju, sabiex tixtarr dak pretiz mill-konvenuti rikonvenzjonanti u halliet tard wisq biex tressaq l-ilmenti taghha li issa qeghda taghmel fl-istadju tal-appell. Min-naha l-ohra, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-provi li tressqu da parti tal-konvenuti rikonvenzjonanti certament mhumiex l-ahjar prova li setghet titressaq sabiex jigi ippruvat l-estent tad-danni u telf ta' qliegh li sofrew l-istess konvenuti. Ghalkemm mhux dubitat li, kif accennat qabel, huwa minnu li bl-agir tas-socjeta` attrici, il-konvenuti sofrew danni kemm f'telf attwali fil-prodotti, kif ukoll fil-qliegh prospettat meta tilfu n-negozju taghhom, ma saretx prova tajba tal-ammont tad-danni.

Ghalhekk fir-rigward tat-tielet u r-raba' aggravji, huwa ritenut li dawn huma gustifikati, izda kif ser jinghad. Wara hafna hsieb, u kunsidrat dak kollu espost qabel, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li ghandha tasal biex tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' danni li ghandhom jigu allokati lill-konvenuti u, in vista tan-nuqqasijiet rispettivi tal-kontendenti fil-kawza, sejra tnaqqas bin-nofs dak likwidat mill-ewwel Qorti sabiex minflok is-somma ta' €140,512, tillikwida s-somma ta' €70,256 bhala danni favur il-konvenuti rikonvenzjonanti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi filwaqt li tilqa' l-istess biss *in parte*, fl-ewwel lok, tikkonferma in toto s-sentenza tal-11 ta' Jannar, 2005, u tikkonferma wkoll dik tat-18 ta' Ottubru, 2011, sa fejn zammet lis-socjeta` attrici, Hotel Services Limited, responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenuti, izda tirrevoka u thassar dik il-parti tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2011 fejn illikwidat id-danni u ikkundannat lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenuti s-somma ta' €140,512, u minflok tillikwida d-danni dovuti lill-konvenuti fis-somma ta' €70,256, li wara li bi tpacija jitnaqqas l-ammont dovut lis-socjeta` appellanti rapprezentanti bilanc dovut lilha, hekk kif likwidat mill-ewwel Qorti fl-ewwel sentenza, fis-somma ta' €19,472.79 (ekwivalenti ghal Lm8,359.67), iwassal ghal bilanc ahhari dovut lill-

konvenuti fl-ammont ta' €50,783.21, bl-imghaxxijiet legali dekorribbli millum, u fil-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici appellanti u kwantu ghal terz (1/3) ghandhom jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb